# FIL-PRIM'AWLA

# TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 15 t'April, 2019.**

**Rikors Nru. 116/14GM**

**Commercial Vehicle Imports Limited (C25465)**

**VS**

**Citadel Insurance Plc (C21550)**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

Rat ir-Rikors Ġuramentat imressaq fis-7 ta' Frar 2014 minn Commercial Vehicle Imports Limited fejn espona bir-rispett:

1. Illi s-soċjeta' esponenti tiġġestixxi n-negozju ta' importatriċi u bejjiegħa ta' vetturi ossia "buses" tad-ditta King Long;

2. Illi s-socjeta' attrici kienet impurtat disgħa u erbgħin (49) "King Long 9 metre Buses" u mija u ħamsa u ghoxrin (125) "King Long 12 metre buses" minn Cina, u liema "buses" wasslu Malta fuq l-M/V Heogh Trader fis-26 ta' April 2011 fis-7.30am;

3. Illi permezz ta' kuntratt ta' assigurazzjoni ossia "Marine Cargo Insurance" is-soċjeta' konvenuta kienet obbligat ruħha li tindenizza lis-soċjeta' esponenti għad-danni kollha li hi setgħet issofri minħabba ħsarat kaġunati lil disgħa u erbgħin (49) "King Long 9 metre Buses" u mija u ħamsa u għoxrin (125) "King Long 12 metre buses" waqt it-traġitt ta' bejn iċ-Ċina u Malta, u dan skond ma jirrizulta mill-annessa kopja tal-polza in kwistjoni li qed tiġi markata bhala Dok. "A";

4. Illi permezz ta' kuntratt ta' assigurazzjoni addizzjonali s-soċjeta' konvenuta kienet obbligat ruħha li tindenizza lis-soċjeta' esponenti għad-danni kollha li hi setgħet issofri minħabba ħsarat kagunati lil "King Long Buses" preċitati waqt illi l-istess "King Long Buses" kienu qed jiġu imħazzna fis-sit ġewwa l-Marsa, Malta magħruf bħala "Malta Shipbuilding", u dan skond ma jirrizulta mill-anness email datat s-26 ta' April 2011 spedit mis-soċjeta' konvenuta li qed jiġi mmarkat bħala Dokument "B" u mill- anness "Insurance Slip" in kwistjoni li qed tiġi markata bħala Dok. "C";

5. Illi hekk kif ser jirrizulta aħjar mill-provi, diversi minn dawn il-preċitati "King Long Buses" ġarrbu ħsarat waqt it-traġitt minn Ċina għal Malta u diversi minn dawn il-preċitati "King Long Buses" ġarrbu hsarat waqt li kienu qed jiġu imħazzna fil-preċitat sit magħruf bħala "Malta Shipbuilding";

6. B'rizultat ta' dan is-soċjeta' esponenti sofriet danni stante li l-imsemmija "buses" kellhom jiġu imsewwija qabel ma setgħu jiġu konsenjati lill-klijenti tas-soċjeta' esponenti – hekk kif effettivament ġara;

7. Illi l-ħsarat fuq imsemmija kienu kollha koperti bil-kopertura provduta mis-soċjeta' konvenuta a tenur tal-kuntratti assiguratriċi preċitati;

8. Illi għalkemm debitament interpellata sabiex tonora l-preċitati poloz ta' assigurazzjoni billi tindenizza lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' konvenuta naqset li tagħmel dan;

9. Illi għalhekk is-soċjeta' esponenti kienet kostretta li tagħmel il-kawza odjerna;

Galdaqstant jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni:

1) Tiddikjara, għar-ragunijiet fuq premessi, li s-soċjeta' attriċi sofriet danni u għal indenizz ta' liema danni hija responsabbli unikament is-soċjeta' konvenuta;
2) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur minħabba l-fuq premess; u
3) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallsu lis-soċjeta' attriċi id-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet sal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' li ġiet inġunta għas-subizzjoni u b'rizerva għall-kull azzjoni oħra spettanti lill-attur skond il-ligi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Citadel Insurance p.l.c. fejn eċepiet bir-rispett:

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex kontestati;

2. Illi l-fatti dikjarati fit-tieni, tielet u ir-raba paragrafi tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex kontestati;

3. Illi l-fatti dikjarati fil-ħames paragrafu huma kontestati billi kif ser jirrizulta waqt is-smiegħ tal-kawza hemm biss ftit ħsarat li huma koperti bil-poloz in kwistjoni stante li l-ħsarat li jirrizultaw li saru waqt it-traġitt bil-bahar huma minuri filwaqt li l-bqija tal-ħsarat reklamati kollha ġraw waqt li l-vetturi kienu qed jinstaqu sas-sit maghruf bħala Malta Shipbuilding. Il-Polza Accidental Damage Property Insurance filfatt teskludi kull ħsara li seta' giet ikkaġunata lill-vettura konċernata "Whilst under own power" u/jew barra mill-post magħruf bħala Malta Shipbuilding.

4. Illi l-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kontestati fis-sens li għalkemm il-ħtiega ta riparazzjonijiet per se ma hijiex kontestata, din ma jista jkollha ebda implikazzjoni fuq iz-zmien meħtieg biex isiru il-ħsarat, il-kwalita tar-riparazzjonijiet u l-ispiza inkorsa, u r-responsabbilita tal-assikuratur.

5. Illi l-fatti kif dikjarati fis-seba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi huma kontestati billi kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawza huma biss ftit il-ħsarat koperti bl-assikurazzjonijiet de quo.

6. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tmien u disa' paragrafi tad-dikjarazzjoni attriċi huma kollha kontestati billi effettivament, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigħ tal-kawza l-esponenti kienet ikkalkulat bi preċizjoni li l-ammont ta' ħsarat koperti bil-poloz in kwistjoni kien ta' €1,496.00 (inkluz il-VAT) u kienet għalhekk offriet li ssalda dan l-ammont għas-saldu. Jidher li l-attriċi

ma tridx tirrkonoxxi l-limitazzjonijiet fuq il-kopertura li akkwistat. Lanqas ma trid tirrikonoxxi l-fatt li huma fi kwalsiasi kaz applikabbli l-excesses espressament pattwiti skont il-polza. Evidentement l-attriċi ma ħaditx gost b' dawn iċ-ċirkostanzi. Għandu jkun ċar, izda li l-eċċipjenti offriet li taqdi fedelment l-obbligi tagħha skont il-polza u ma għandiex għalhekk teħel spejjez u jew imgħaxijiet minħabba dawn il-proċeduri.

7. Illi jingħad fi kwalsiasi kaz li l-attriċi ippresentat f' din il-kawza dokumenti li kienu fil-pussess tal-aġent tal-kumpannija esponenti u li l-esponenti ma awtorizzatx ir-rilaxx tagħhom. L-esponenti tirriserva l-posizzjoni tagħha dwar dawn id-dokumenti.

**Eccezzjonijiet**

1. Illi qabel xejn l-attriċi għandha tipprova li l-ħsarat minnha reklamati jew liema minnhom huma koperti bil-polza in kwistjoni dan billi jirrizulta li l-maggior parti tal-ħsarat jirrizulta li seħħu waqt li l-vetturi kienu qiegħdin barra mill-premises tal-Malta Shipbuilding li huwa deskritt fuq il-polza bħala "<u>situation of risk</u>" u/jew waqt li kienu qed jinstaqu ħaga li fil-polza hi espressament esklusa – ara l-"<u>Exclusion: 1. Whilst under own power</u>."

2. Illi fit-tieni lok, dejjem mingħajr pregudizzju għas-suespost japplika għal kull claim l-Excess stabbilit fil-polza u cioe "€250 each bus but increasing to €1,000 in respect of claims pertaining to scrapping, chipping, Denting, Bruising and Repainting each bus."

3. Illi fit-tielet lok, ukoll bla pregudizzju għas-suespost jidher li l-ħsarat reklamati huma ezaġerati billi uhud mill-valuri għar-riparazzjonijiet li allegatament saru huma bla sens dan kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawza.

4. Illi fir-raba' lok u għal kull buon fini jingħad li l-liġi li tiggverna l-obbligazzjonijiet fuq il-polza de quo hija l-liġi Ingliza.

5. Illi fil-ħames lok l-esponenti kienet ġia offriet li tħallas l-ammont ta' €1,496.00 (inkluz il-VAT) għas-saldu tal-pretensjonijiet attriċi, ħlas li l-attriċi rrifjutat, u ma għandhiex għalhekk l-eċċipjenti tiġi kkundannata li tħallas imgħaxijiet fuq din is-somma.

6. illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra tagħhom;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Rat in-nota' ta sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li l-attriċi mpurtat miċ-Ċina 174 xarabank, assikurati għall-ħsarat mal-konvenuta permezz ta' *marine cargo insurance* waqt it-traġitt bejn iċ-Ċina u Malta, u, permezz ta' kuntratt addizzjonali, waqt li kienu maħżuna f'sit fil-Marsa magħruf bħala *Malta Shipbuilding.* Il-vetturi ġew żbarkati mill-vapur fil-*Valletta Gateway Terminal* u billi hemmhekk ma kienx hemm biżżejjed spazju fejn jinżammu nstaqu lejn il-*Malta Shipbuilding.* Għal waqt dan it-traġitt kienu assikurati ma' ditta assikuratriċi oħra. Il-konvenuta ssostni li waqt dan it-traġitt, il-vetturi ma kinux koperti bil-polza tagħha minħabba *exclusionary clause* denominata "*Exclusion 1. Whilst under own power*". Kien hemm problema bir-rampa bejn il-vapur u x-xatt tant li il-qiegħ ta' uħud mix-xarabanks ħakk magħha. Ċertu Paul Ellul iċċekkja l-vetturi huma u niżlin mill-vapur billi kien idur dawra magħhom iżda ma kienx jiċċekkja l-qiegħ jew is-saqaf tagħhom billi dan qajla kien possibbli. Qabel ħarġu mill-*Valletta Gateway Terminal* ġiet rilaxxjata t-*tally sheet* li ċċertifikat ċerti ħsarat. Xi jiem wara li kienu pparkjati fil-*Malta Shipbuilding* sar survey minn Natalino Agius, assessur professjonali, li kien imqabbad mill-konvenuta, li kkonstata iktar ħsarat. Il-konvenuta kienet lesta tħallas biss il-ħsarat li rriżultaw mit-*tally sheet* billi sostniet li l-vetturi ġarrbu l-ħsarat waqt it-traġitt imsemmi;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tar-raba' eċċezzjoni il-konvenuta sostniet li skont il-polza hija applikabbli l-liġi Ngliża. Il-Qorti sejra titratta din l-eċċezzjoni l-ewwel billi qabel xejn irid jiġi stabbilit liema liġi tiġi applikata għall-fattispeċje ta' dan il-każ. Waqt is-smiegħ tal-kawża l-konvenuta m'għamlet l-ebda aċċenn għal din l-eċċezzjoni, u siktet għal kollox dwarha fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha. Tabilħaqq, fil-klawżola 14 tal-polza hemm imniżżel (fol 10) li "*This Insurance is subject to English law and practice".* B'danakollu, imbagħad hemm miżjuda "*Malta Jurisdiction Clause"* li tistipula li l-kuntratt tal-assikurazzjoni għandu jiġi nterpretat skont il-liġi Maltija u suġġetta għall-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-Qrati Maltin (fol 22). Jidher li l-aħħar klawżola, mhux enumerata, żdiedet mal-*printed form* tal-polza u għalhekk jidher li l-

intenzjoni tal-partijiet kienet li din tissupera l-parti stampata. Għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tiġi skartata u l-Qorti sejra fil-kunsiderazzjonijiet tagħha tapplika l-liġi ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuta ssostni li l-ħsarat soġġetti għal indenizz huma biss dawk li jirriżultaw mit-*tally sheets* għaliex l-importatur hu obbligat jiġbed l-attenzjoni tal-VGT għal kwalunkwe dannu li ma jkunx tniżżel fihom qabel ma tinħareġ il-merkanzija mill-*premises* tagħha, f'liema moment issir il-*gate pass out.* Tiċċita ġurisprudenza li tgħid li l-ħsarat li jkunu hekk ġew ikkonstatati għandhom jitqiesu deċiżivi u li jorbtu l-partijiet kollha li jkollhom l-opportunita f'waqtha, *a tempo vergine* li jikkontrollaw u jippreċiżaw ir-reġistrazzjoni tal-istat ta' fatt u li provi a posterjuri ta' dawk iż-żewġ mumenti m'għandhomx valur kontra l-preżunzjoni *iuris tantum* kontra l-kontenut ta' dawn iż-żewġ dokumenti. Issa dawn il-pronunzjamenti donnhom min-naħa l-waħda jgħidu li d-dokumenti in kwistjoni huma *juris tantum* – li bilkemm hemm bżonn jingħad tfisser li huma ribattibbli bi prova kuntrarja – u min-naħa l-oħra tgħid li mhumiex hekk ribattibbli. Il-Qorti tifhem il-kuntest li fih ingħataw dawn is-sentenzi f'perjodu meta kienu jsiru ħafna talbiet għad-danni minkejja l-kontenut tal-istess dokumenti. B'danakollu, m'hemm l-ebda raġuni fil-liġi l-għala din il-preżunzjoni ma tistax tiġi mwaqqa' minn provi ċari u inekwivoċi. Fil-fatt hemm ġurisprudenza oħra, f'dan is-sens[1], fosthom *Gerada v Abela* ċċitata mill-konvenuta stess fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha. Dan apparti l-fatt li f'dan il-każ il-kawża hi bejn l-importatur u d-ditta assikuratriċi tiegħu stess u għalhekk id-dokumenti msemmija m'għandhomx ikollhom l-istess piż li jkollhom bejn l-importatur u l-vapur jew il-VGT;

Illi m'hemmx dubbju li fil-każ preżenti, saret ħsara lil uħud mill-vetturi meta ħakkew il-qiegħ tagħhom mar-rampa tal-vapur, liema ħsara ma ġietx reġistrata.

Illi mbagħad irriżultaw ħsarat oħrajn waqt li kienu pparkjati fil-*Malta Shipbuilding.* Kif ġja ngħad, il-konvenuta ssostni li din il-ħsara seħħet waqt li x-xarabanks kienu qegħdin jinstaqu mill-GGT sal-MS, anke jekk ma sar l-ebda rapport mal-awtoritajiet dwar xi inċident awtomobilistiku, uffiċjal tal-attriċi li ħa ħsieb l-operazzjoni stqarr li ma ġie nfurmat bl-ebda inċident. In vista ta' din ir-riżultanza *prima facie,* il-piż tal-prova jdur fuq il-konvenuta, iktar u iktar billi, trattandosi ta' kuntratt t'assikurazzjoni, huwa preżunt li l-attriċi meta għamlet il-claim aġixxiet *in bona fede.*

Illi għalkemm fir-rikors ġuramentat l-attriċi ma tispeċifikax somma u titlob il-likwidazzjoni tad-danni, waqt is-smiegħ tal-kawża ressqet prova li nefqet euro 16,594.80. Ma naqqsitx l-excess u l-VAT. Min-naħa l-oħra, Lawrence Formosa, senior claims manager tal-konvenuta natqqas l-excess u l-VAT billi tal-ewwel ovvjament mhux dovut mill-konvenuta u t-tieni jiġi rimburżat mill-attriċi. Huwa ddistingwa bejn id-danni li rriżultaw mit-tally sheet ( euro 1182.17) u dawk li jirriżultaw mir-rapport ta' Natalino Agius (euro 5233.76) u oħrajn li ma rriżultawx mill-istess

[1] J Felice Pace v G. Abela 02.05.1998 Qorti tal-Kummerċ; Av. Dr. G. Grixti v Gollcher 15.10.1998 iċċitati mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-08.04.1999 fl-ismijiet Joseph Gerada v Godwin Abela magħhom konformi kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell - Onor. J Said Pullicino President; Onor J A Filletti u Onor. Franco Depasquale fid-19.06.2001

rapport (li nzertaw  huma żero, billi jaqgħu fil-limiti tal-excess).  Għalhekk it-total ta' danni ppruvat huwa ta' euro6,415.93.

Għal dawn il-motivi,  il-Qorti

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attriċi sofriet danni li għandhom jiġu ndennizzati mill-konvenuta
2. Tillikwida l-istess danni fis-somma ta' euro 6,415.93
3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata ta'  6,415.93 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.  Spejjeż a kariku tal-konvenuta.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca